VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,690, 2 ta' Diċembru, 2016
Taqsima A

MALTA

ATT Nru LIV tal-2016

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jintroduċi emendi fl-Att dwar il-Kumpanniji u f'Liġijiet oħra u sabiex tiġi implimentata d-Direttiva 2014/95/EU.

ACT No. LIV of 2016

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to introduce amendments to the Companies Act and to other Laws and to implement Directive 2014/95/EU.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
President

2 ta' Diċembru, 2016

ATT Nru LIV tal-2016

ATT sabiex jintroduċi emendi fl-Att dwar il-Kumpanniji u f'Liġijiet oħra u sabiex tiġi implimentata d-Direttiva 2014/95/EU.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2016 li jemenda l-Att dwar il-Kumpanniji u Liġijiet oħra.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ u għandhom japplikaw għal kull impriża li taqa' fl-ambitu ta' dan l-Att għas-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2017 jew wara.

TAQSIMA I

Emendi għall-Att dwar il-Kumpanniji

Emendi għall-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kumpanniji, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kumpanniji, hawn iktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 3A tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 3A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (t) tiegħu minflok il-kliem "ir-Regolament dwar l-Awditjar," għandhom jidħlu l-kliem "ir-Regolament dwar l-Awditjar","; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (t) tiegħu, kif emendat,

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(u) Direttiva 2014/95/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar, li temenda d-Direttiva 2013/34/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi hawn iktar 'il quddiem imsejħa "Id-Direttiva dwar it-Trasparenza";".

Emenda tal-artikolu 179 tal-Att prinċipali.

4. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 179 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "tan-natura ta' kull waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet ħżiena." għandhom jidħlu l-kliem "tan-natura ta' kull waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet ħżiena:"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, kif emendat, għandu jiżdied il-proviso li ġej għas-subartikolu kollu:

"Iżda r-rekwiżit imsemmi fil-paragrafi (a) u (b) m'għandux japplika għal informazzjoni mhux finanzjarja li għandha tiġi divulgata skont il-paragrafi 8 u 11 tas-Sitt Skeda, imma l-awdituri għandhom jivverifikaw jekk din l-informazzjoni ġietx provduta.".

Emenda tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-paragrafu 7 tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-intestatura u l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"Żvelar addizzjonali ta' informazzjoni mhux finanzjarja applikabbli għal ċerti impriżi u gruppi kbar

8. L-impriżi kbar, kif imsemmija fil-paragrafu 1 tat-Tielet Skeda, li huma entitajiet ta' interess pubbliku li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom jaqbżu l-kriterju tal-għadd medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja għandhom, b'żieda mar-rekwiżiti l-oħra ta' din l-Iskeda, jinkludu fir-rapport tad-diretturi dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni sa fejn ikun meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-impriża u tal-impatt tal-attività tagħha, relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) deskrizzjoni qasira tal-mudell tan-negozju tal-impriża;

(b) deskrizzjoni tal-politiki segwiti mill-impriża fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet, inklużi l-proċessi ta' dileġenza dovuta implimentati;

(ċ) l-eżitu ta' dawk il-politiki;

(d) ir-riskji prinċipali relatati ma' dawk il-kwistjonijiet marbuta mal-operazzjonijiet tal-impriża inklużi, fejn ikun rilevanti u proporzjonat, ir-relazzjonijiet kummerċjali, il-prodotti jew is-servizzi tiegħu li x'aktarx jikkawżaw impatti negattivi fuq dawk l-oqsma, u kif l-impriża timmaniġġa dawk ir-riskji;

(e) indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni mhux finanzjarji relevanti għan-negozju partikolari.

Meta l-impriża ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawk il-kwistjonijiet, id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja għandha tipprovdi spjegazzjoni ċara u motivata għaliex ma jagħmilx dan.

Id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja msemmija f'dan il-paragrafu għandha, fejn xieraq, tinkludi referenzi għall-ammonti rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji, u spjegazzjonijiet addizzjonali dwarhom.

Informazzjoni relatata ma' żviluppi imminenti jew kwistjonijiet li jkunu qed jiġu nnegozjati f'każijiet straordinarji tista' titħalla barra meta, fil-fehma debitament ġustifikata tad-diretturi, id-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni tippreġudika serjament il-pożizzjoni kummerċjali tal-impriża, sakemm tali ommissjoni ma tipprevenix fehim ġust u bbilanċjat tal-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-impriża u tal-impatt tal-attività tagħha.

Meta jeħtieġu l-iżvelar tal-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu, l-impriżi jistgħu jimxu fuq oqfsa nazzjonali eżistenti jew dawk ibbażati fl-Unjoni jew internazzjonali, u, jekk tagħmel hekk, l-impriża prinċipali għandha tispeċifika fuq liema oqfsa mxiet.

9. Impriżi li jissodisfaw l-obbligi stipulati fil-paragrafu 8 ta' din l-Iskeda għandhom jitqiesu li ssodisfaw l-obbligu relatat mal-analiżi tal-informazzjoni mhux finanzjarja stipulat

VERŻJONI ELETTRONIKA

fis-subartikolu (2) tal-artikolu 177.

10. Impriża li tkun impriża sussidjarja għandha tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 8, jekk dik l-impriża eżentata u s-sussidjarji tagħha huma inklużi fir-rapport tad-diretturi kkonsolidat.

11. L-entitajiet ta' interess pubbliku li huma kumpanniji prinċipali ta' grupp kbir li fid-dati tal-karta tal-bilanċ, fuq bażi kkonsolidata, jaqbeż il-kriterju tal-għadd medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja għandhom jinkludu fir-rapport tad-diretturi kkonsolidat dikjarazzjoni mhux finanzjarja kkonsolidata li jkun fiha informazzjoni sa fejn ikun meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-grupp u tal-impatt tal-attività tiegħu, relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(a) deskrizzjoni qasira tal-mudell tan-negozju tal-grupp;

(b) deskrizzjoni tal-politiki segwiti mill-grupp fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet, inklużi l-proċessi ta' dileġenza dovuta implimentati;

(ċ) l-eżitu ta' dawk il-politiki;

(d) ir-riskji prinċipali relatati ma' dawk il-kwistjonijiet marbuta mal-operazzjonijiet tal-grupp inklużi, fejn ikun rilevanti u proporzjonat, ir-relazzjonijiet kummerċjali, il-prodotti jew is-servizzi tiegħu li x'aktarx jikkawżaw impatti negattivi fuq dawk l-oqsma, u kif il-grupp jimmaniġġa dawk ir-riskji;

(e) l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni mhux finanzjarji relevanti għan-negozju partikolari.

Meta l-grupp ma jsegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawk il-kwistjonijiet, id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja kkonsolidata għandha tipprovdi spjegazzjoni ċara u motivata għaliex ma jagħmilx dan.

Id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja kkonsolidata msemmija f'dan il-paragrafu għandha, fejn xieraq, tinkludi referenzi għall-ammonti rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati, u spjegazzjonijiet addizzjonali dwarhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Informazzjoni relatata ma' żviluppi imminenti jew kwistjonijiet li jkunu qed jiġu nnegozjati f'każijiet straordinarji tista' titħalla barra meta, fil-fehma debitament ġustifikata tad-diretturi, id-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni tippreġudika serjament il-pożizzjoni kummerċjali tal-grupp, sakemm tali ommissjoni ma tipprevenix fehim ġust u bbilanċjat tal-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-grupp u tal-impatt tal-attività tiegħu.

Meta jenħtieġu l-iżvelar tal-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu, l-impriża prinċipali tista' timxi fuq oqfsa nazzjonali eżistenti jew dawk ibbażati fl-Unjoni jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk, l-impriża prinċipali għandha tispeċifika fuq liema oqfsa mxiet.

12. Impriża prinċipali li tissodisfa l-obbligi stipulati fil-paragrafu 11 ta' din l-Iskeda għandha titqies li tissodisfa l-obbligu relatat mal-analiżi tal-informazzjoni mhux finanzjarja stipulat fis-subartikoli (2), (5) u (6) tal-artikolu 177.

13. Impriża prinċipali li hija wkoll impriża sussidjarja għandha tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 11, jekk dik l-impriża prinċipali eżentata u s-sussidjarji tagħha huma inklużi fir-rapport tad-diretturi kkonsolidat redatt skont is-subartikoli (5) u (6) tal-artikolu 177 u din l-Iskeda.".

TAQSIMA II

Emenda għall-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*

Emenda għall-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*. Kap. 281.

6. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

7. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (r) tiegħu, minflok il-kliem "f'idejn awdituri statutorji u ditti tal-awditjar." għandhom jidħlu l-kliem "f'idejn awdituri statutorji u ditti tal-awditjar:"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (r) tiegħu, kif emendat, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(s) l-istabbiliment ta' linji gwida mhux vinkolanti dwar il-metodoloġija għar-rappurtar tal-informazzjoni mhux finanzjarja, inklużi indikaturi prinċipali tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

prestazzjoni ta' natura mhux finanzjarja, li jkunu ġenerali u settorjali, bl-għan li tiffaċilita d-divulgazzjoni relevanti, utli u komparabbli ta' informazzjoni mhux finanzjarja minn impriżi.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 455 tat- 28 ta' Novembru, 2016.

ĊENSU GALEA
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati